**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru: 60/2025 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 1692/1996)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi Il-partijiet izzewget fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (23.9.1996) (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed bl-isem ta F E illum maggiorenni stante li llum ghandu 26 sena

Illi I-partijiet ilhom legalment separati 'ex lege' b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Ann Fenech Adami fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu ta sena elfejn u wiehed (2001) (Dok B anness);

Illi m'hemmx vertenzi bejn il-partijiet.

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimat skont il-kuntratt ta'separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness; (Dok B)

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisha (Dok C);

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta li ġit preżentata minn l-intimat li permezz taghha ppremetta:

1. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996), mil-liema zwieg il-Partijiet ghandhom tifel wiehed bl-isem ta' F E, li ghandu l-età ta' sitta u ghoxrin (26) sena u li ghalhekk huwa maggorenni;

2. Illi huwa minnu wkoll li l-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami li gie ppubblikat nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001);

3. Illi l-esponenti jirrileva illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi entrambi qeghdin jghixu hajja indipendenti minn xulxin;

4. Illi l-esponenti jirrileva illi huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti biex tikseb id-divorzju;

5. Illi in kwantu ghall-ispejjez, l-esponenti umilment jirrileva illi kull Parti ghandha ġġorr l-ispejjez taghha;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Frar 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Marzu 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.